Nru./No. 20,800
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2022
Monday, 7th March, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2265 - 2266
Government Notices ..... *2265 - 2266*

Avviżi tal-Qorti ..... 2266 - 2268
Court Notices ..... *2266 - 2268*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 294

ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR L-ESTENSJONI TAL-PROJBIZZJONI FUQ L-IVVJAĠĠAR LEJN IL-PAJJIŻI KOLLHA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.26 U L-ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR IL-PERJODU TA' KWARANTINA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.13

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika qiegħda hawn tavża illi s-segwenti ċertifikati ta' tilqim b'vaċċini approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini jew b'vaċċini li ġew aċċettati taħt il-Proċedura ta' Elenkar ta' Użu ta' Emerġenza tal-WHO (sakemm għal vaċċini li għadhom mhumiex awtorizzati mill-EMA, il-vjaġġaturi jeħtieġ ukoll li jippreżentaw test PCR negattiv meħud fi żmien 72 siegħa qabel il-wasla tagħhom f'Malta) għandhom jiġu aċċettati mis-7 ta' Marzu, 2022:

Ċertifikati tal-vaċċin taċ-Ċina (International Travel Health Certificate (fl-app WeChat); Ħong Kong COVID-19 Electronic Vaccination Record; Tajwan (kif muri fuq l-app NHI)

Peru Ministero de Salud - Certificado de Vacunacion

Is-7 ta' Marzu, 2022

Nru. 295

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-GOVERNANZA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Azzopardi, is-Sur Daniel – Ambaxxatur, Madrid
Calleja, is-Sur Charles – First Secretary, Tel Aviv
Demicoli, is-Sa Denise – Counsellor, Toronto
Farrugia, Dott. Josianne – First Counsellor, Dublin
Pace, is-Sur Roberto – Ambaxxatur, il-Kajr

Avukati

Cauchi, Dott. Paula
Mifsud, Dott. Aleandro

GOVERNMENT NOTICES

No. 294

ARTICLE 2 OF THE TRAVEL BAN (EXTENSION TO ALL COUNTRIES) ORDER SUBSIDIARY LEGISLATION 465.26 AND ARTICLE 2 OF PERIOD OF QUARANTINE ORDER, 2021 SUBSIDIARY LEGISLATION 465.13

THE Superintendent of Public Health hereby notifies that the following vaccination certificates with European Medicines Agency approved vaccines or with vaccines that have been accepted under WHO Emergency Use Listing Procedure (provided that for vaccines that are not yet authorised by the EMA, the travellers also need to present a negative PCR test taken within 72 hours prior to their arrival in Malta) shall be accepted as from the 7th March, 2022:

China vaccine certificates (International Travel Health Certificate in WeChat app); Hong Kong COVID-19 Electronic Vaccination Record; Taiwan (as shown on NHI app)

Peru Ministero de Salud - Certificado de Vacunacion

7th March, 2022

No. 295

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND GOVERNANCE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Governance appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Azzopardi, Mr Daniel – Ambassador, Madrid
Calleja, Mr Charles – First Secretary, Tel Aviv
Demicoli, Ms Denise – Counsellor, Toronto
Farrugia, Dr Josianne – First Counsellor, Dublin
Pace, Mr Roberto – Ambassador, Cairo

Advocates

Cauchi, Dr Paula
Mifsud, Dr Aleandro

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi
Doublet Barry, is-Sa Lorraine – Kordinatur Mediku, Taqsima Kordinazzjoni Medika, l-Isptar Mater Dei

Public Officers/Employees
Doublet Barry, Ms Lorraine – Medical Co-ordinator, Medical Co-ordination Unit, Mater Dei Hospital

B'Awtorità
Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja, u l-Governanza

By Authority
Edward Zammit Lewis
Minister for Justice and Governance

Is-7 ta' Marzu, 2022
MJEG 21/2021/4
MJEG 21/2020/III
MJEG 21/2021/5

7th March, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

340

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Frar, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Dr Graziella (Mary Grace) Bezzina (KI 367174M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Schmidt & Schmidt OHG (HRTA 12983) in forza ta' prokura speċjali datata 13 ta' Lulju, 2020, ta' Vault 13, Valletta Waterfront, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Jannar, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil White Bridge Limited (C58859) ta' 52, D Bonell Mansions, Triq il-Barrieri, Santa Venera, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €590, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 24/2021KCX) hija differita għall-15 ta' Marzu, 2022, fis-2.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Marzu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 9th February, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Dr Graziella (Mary Grace) Bezzina (ID 367174M) for and on behalf of the foreign company Schmidt & Schmidt OHG (HRA 12983) by means of a power of attorney dated 13th July 2020 of Vault 13, Valletta Waterfront, filed a Claim on the 28th January, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn White Bridge Limited (C58859) of 52, D Bonell Mansions, Triq il-Barrieri, Santa Venera, to pay the plaintiff company the sum of €590.00, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 24/2021KCX) is deferred on the 15th March, 2022, at 2.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 4th March, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

341

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, fit-2 ta' Novembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Complex Co. Ltd (C61722) ta' 11, St Francis, Triq Ta' Gawdieri, San Ġwann SGN 1740, ippreżentaw Talba, fl-14 ta' Ottubru, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Munir Hasan El Feghi (KI 105362A) ta' Madliena Ridge,

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 2nd November, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Complex Co. Ltd (C61722) of 11, St Francis, Triq Ta' Gawdieri, San Ġwann SGN 1740, filed a Claim on the 14th October, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Munir Hasan El Feghi (ID 105362A) of Madliena Ridge,

12B, Telgħa tal-Madliena, Il-Madliena, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3675.00, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 287/2021SFJ) hija differita għat-22 ta' Marzu, 2022, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Marzu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

12B, Telgħa tal-Madliena, Madliena, to pay the plaintiff company the sum of €3675.00, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 287/2021SFJ) is deferred on the 22nd March, 2022, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 4th March, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

342

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Frar, 2022, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Inferjuri, fl-atti tal-avviż inferjuri numru 5/2021 fl-ismijiet 'Cedric Caruana versus Goran Bogdanovic' ippreżentat fil-Qorti msemmija fl-10 ta' Ġunju, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Goran Bogdanovic (karta tal-identità numru 30164A) ta' 'Santa Martha', Triq il-Mogħdija, Għajnsielem, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Inferjuri

Rikors numru 5/2021(BS)

Illum 10 ta' Ġunju, 2021

Lil Goran Bogdanovic (karta tal-identità numru 30164A), 'Santa Martha', Triq il-Mogħdija, Għajnsielem, Għawdex

B'dan inti msejjaħ sabiex tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija biex twieġeb għat-talba ta' Cedric Caruana (karta tal-identità numru 532177M) ta' 122, 'Nadia', Flat 3, Triq is-Sidra, Is-Swieqi, Malta, il-għaliex m'għandekx tkun ikkundannat tħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) rappreżentanti rifużjoni ta' flejjes ġja mgħoddija mir-rikorrenti lill-intimat Goran Bogdanovic għall-esekkuzzjoni ta' xogħlijiet fil-proprjetà ossija porzjon ta' art fi Triq it-28 ta' April 1688, Il-Qala, Għawdex, inkonnessjoni ma' kuntratt ta' appalt datat l-1 ta' Ġunju, 2020 (Dokument A), liema xogħlijiet qatt ma ġew esegwiti.

Bl-isjejjeż, inluži dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħax sadanittant data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Jekk tonqos li tidher fil-jum u s-siegħa hawn taħt imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skont il-liġi.

It is hereby notified that by a decree given on the 16th February, 2022, issued by the Court of Magistrates (Gozo) in its Inferior Jurisdiction, in the acts of notice number 5/2021 in the names 'Cedric Caruana versus Goran Bogdanovic' filed in the above said Court on the 10th June, 2021, the publication of the extract reproduced below has been ordered in order to serve as service against the respondent Goran Bogdanovic (identity card number 30164A) of 'Santa Martha', Triq il-Mogħdija, Għajnsielem, Gozo, and this in terms of article 187 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Gozo)

Inferior Jurisdiction

Application number 5/2021 (BS)

Today the 10th June, 2021

To Goran Bogdanovic (ID number 30164A), 'Santa Martha', Triq il-Mogħdija, Għajnsielem, Gozo

You are hereby summoned to appear before the above-mentioned Court to respond to the demand of Cedric Caruana (identity card number 532177M) of 122, 'Nadia', Flat 3, Triq is-Sidra, Swieqi, Malta, in that why should you not be ordered to pay the plaintiff the sum of fifteen thousand euro (€15,000) representing the refund of money already handed over by the applicant to the respondent Goran Bogdanovic for the execution of works in the property namely a plot of land in Triq it-28 ta' April 1688, Qala, Gozo, in connection with a contract of works dated 1st June, 2020 (Document A), which works have never been executed.

With costs, including those of the garnishee order filed concurrently with this lawsuit and with interest up to the date of effective payment against the respondent, who is as of now being summoned for the reference to his oath.

If you fail to appear on the day and time mentioned below, the Court shall decide in accordance with the law.

Il-kawża hija differita għat-30 ta' Marzu, 2022, f'nofsinhar, fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 3 ta' Marzu, 2022

DORIANNE CORDINA
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

The case is deferred to the 30th March, 2022, at noon, in the Gozo Court building.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today, the 3rd March, 2022

DORIANNE CORDINA
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

343

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Settembru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1579/2021, fl-ismijiet Etienne Galea vs Buy, Sell, Rent Co Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Buy, Sell, Rent Co. Limited u Fiona Baldacchino a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 21 ta' April, 2021

Lil: Buy, Sell, Rent Co. Limited (C82396) ta' BSR Real Estate, Triq Santa Marija, Birżebbuġa
Fiona Baldacchino (KI 594777M) ta' St Helen Garage, Triq Santa Katarina, Marsaxlokk

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, Etienne Galea (KI 46181M) ta' Lotus, Flat 8, Triq il-Kunċizzjoni, Iż-Żurrieq, qegħdin tiġu interpellati sabiex immedjatament u f'mhux aktar minn ħamest (5) ijiem min-notifika lilkom ta' din l-ittra tħallsu s-somma komplessiva ta' €53,100 jew ammont verjuri rappreżentanti fornitura mill-mittenti ta' materjal inter alia relatati ma' kostruzzjoni.

Kif tafu diġà dan l-ammont ġie debitament rikonoxxut minnkom diġà u għaldaqstant huwa dovut fl-intier tiegħu lill-imsemmi mittenti.

Fin-nuqqas li twettqu dan rikjest, il-mittenti sejjer jipproċedi kif imiss skont il-liġi.

Dan l-att ġudizzjarju qiegħed jintbagħat lilkom għall-finijiet kollha tal-liġi, inkluż dawk naxxenti mill-artikolu 889 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-artikolu 891 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw il-pożizzjoni tagħkom skont il-liġi.

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż inklużi tal-preżenti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 1th Settembru, 2021, in the records of the judicial letter number 1579/2021, in the names Etienne Galea vs Buy, Sell, Rent Co Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Buy, Sell, Rent Co. Limited and Fiona Baldacchino in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 21st April, 2021

To: Buy, Sell, Rent Co. Limited (C82396) of BSR Real Estate, Triq Santa Marija, Birzebbugia
Fiona Baldacchino (ID 594777M) of St Helen Garage, Triq Santa Katarina, Marsaxlokk

By means of this present, Etienne Galea (ID 46181M) of Lotus, Flat 8, Triq il-Kunċizzjoni, Żurrieq, solicits you so that immediately and not later than five (5) days from the notification to you of this letter you pay the total amount of €53,100 or any other amount representing the supply of materials amongst which materials related to Construction done by the applicant.

As you already know the amount was duly acknowledged by you and thus it is due all in its entirety to the said applicant.

In default of your complying with the above, the applicant will proceed according to law.

This judicial act is being sent to you for all the purposes of law, including those in terms of article 889 of Cap. 12 of the Laws of Malta and article 891 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

So much so that you regulate your position according to law.

With legal interest and with costs including of this present.

Registry of the Superior Courts today 4th March, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603